# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

24 ta' Ġunju, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11.33am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Stephen Gauci

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 70

70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 69
70.3 Komunikazzjoni
70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet;
70.5 Komunikazzjoni ohra;
70.6 Ilmenti u Suġġerimenti
70.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7 /2024;
70.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Il-kunsillier Stephen Gauci bagħat ittra ta' imejl li ma' jistax jattendi.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 69

70.2.1 Is-sindku beda l-laqgħa billi talab skuża għall-fatt li l-laqgħa bdiet tard
. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 69. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 70.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1

Is-Sindku beda din l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura billi rringrazzja lill-kunsilliera għax-xogħol u l-koperazzjoni tagħhom f'dawn il-ħames snin għall-ġid tar-raħal. Is-sindku rringrazzja b'mod partikulari lill-kunsillera Bajada, Tewma u Gauci li ma kkontestawx l-elezzjoni u għalhekk mhumiex se jkunu fil-leġislatura l-ġdida. Is-sindku qal li sar ħafna xogħol f'din il-leġislatura li għaddiet, kif ukoll xogħol ieħor li se jitwettaq fil-leġislatura l-ġdida, pero' l-kunsill rnexxilu jġib il-fondi f'din il-leġislatura u x-xogħol jkun jista' jibda fil-leġislatura li jmiss fosthom Triq Xamgħan, Triq Paranji, il-proġett tal-*water services* fi triq Palozza Palina fejn se jagħqdu l-ġibjun il-qadim mal-ġibjun il-ġdid, ir-restawr tal-kalkara tal-Ġir, il-pjazzetta Cocco Palmieri kif ukoll riġenerazzjoni tal-playing field ta' triq Marziena u progetti oħrajn.

70.3.2

Il-kunsillier Tewma rringrazzja lill-kunsillera kif ukoll lis-segretarju eżekuttiv preżenti u anki preċedenti fejn irrimarka li sar ħafna xogħol għall-ġid tar-raħal id f'id flimkien u awgura iktar xogħol fil-leġislatura b'risq ir-raħal. Minn naħa tiegħu l-kunsillier Bajada issa wara numru ta' snin fil-kunsill eżattament mis-sena 2000 irringrazzja l-kunsilliera. Is-sindku qal li l-kunsill se jżomm in kuntatt mal-kunsilliera li mhux se jkunu fil-leġislatura l-ġdida u anki hemm il-possibilta' li jkunu f'xi sotto kumitati li jkunu fil-kunsill dejjem skond ix-xewqa tagħhom.

70.3.3

Il-viċi Sindku rringrazzjat ukoll lill-kunsillera tax-xogħol tagħhom kif ukoll tal-koperazzjoni li dejjem sabet, kif ukoll jekk Alla jrid f'dawn il-ħames snin li ġejjin jaħdmu tajjeb bħala kunsill biex isir aktar xogħol favur ir-residenti Sannatin.

## 70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

70.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

70.4.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 70.5 Komunikazzjoni

70.5.1 Rigward il-proġett tal-pjazza Santa Margerita, is-segretarja eżekuttiva avzat li talbet kjarifika fuq il-varjazzjoni li kien hemm fil-kontijiet tal-pjazza ghax ghadu ma wasal xejn konklusiv. Hemm ammont ta' kontijiet li għadhom ovvjament pendenti u li dawn iridu jintbagħtu lill-kunsill.

70.5.2 Is-segretarja eżekuttiva qalet li tinsab inkwetata ħafna rigward nuqqas ta' signage fil-pjazza. Hija rrimarkat li l-bollards il-godda m'għadhomx hemm u is-sinjali għadhom ma nżebgħux. Is-sindku qal li dawk iridu jiġu miżbuħa mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex, u fil-fatt kellhom laqgħa mal-perit. Is-segretarja eżekuttiva qalet li talbet *update* fuq din il-laqgħa iktar minn darba, pero' s'issa għadha ma rċeviet xejn. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn is-sinjali tat-toroq għandhom isiru kemm jista' jkun malajr għax qed tibża' li jsir xi incident. Is-sindku qal li kellem lill-perit rigward is-salib, fejn xi nies issuġerixxu li jkomplu jitpoġġew bollards mad-dawra tas-salib. Il-kunsiller Bajada saħaq li l-aħjar soluzzjoni li jkun hemm linji fit-triq li jiġbduk il-barra u ssuġerixxa li jkun hemm reflectors mal-linji fejn il-bankina inti u tasal ghas-salib, biex is-sewwieqa ikunu alertati. Il-viċi Sindku semmiet jekk hux ideja tajba li jkun hemm tabella li tindika li hemm salib ftit metri l-quddiem. Fuq is-signage jonqos tabella Pedestrian Zone minn naħa tal-pjazza għal li sqaq li tagħti għal Triq Xamgħan, kif ukoll xi signs tan-No Parking. Is-segretarja eżekuttiva talbet it-*traffic managment* plan ħalli jkun jistgħu isiru t-tabelli, peress li qed tirċievi telefonati rigward dawn is-sinjali. Is-sindku rrimarka wkoll li kien hemm xi persuni li talbu biex ikun hemm kontroll fuq *parking* illegali fil-pjazza speċjalment fejn il-każini. Is-segretarja eżekuttiva qalet li mportanti li jsiru dawn il-linji – anzi kien pretez li jsiru qabel ma tinfetah il-pjazza- peress li ġejja l-festa u jiġu ħafna nies barra mir-raħal. Il-kunsillier Tewma ssugerixxa wkoll jistghux isiru bollards bil-katina madwar is-salib.

70.5.3 Rigward it-tenders marbutin mar-riġenerazzjoni tal-pjazza, hemm tender tat-tisqija tas-siġar li ma tkopriex it-tisqija tal-fjuri li tħawwlu fil-konok tas-siġar ghax saru minn kuntrattur iehor. Il-kunsill ordna bawzers ta' l-ilma biex ikunu jistghu jissaqqew flimkien mat-tisqija l-ohra li normalment isir. Bħala invoicing il-kunsill għadu jistenna xi invoices u rrimarkat ukoll li fejn jidħlu invoicing dawn iridu jsiru bil-quotation jekk ma jkunux direct order. Direct order

70.5.4 ma jridx jaqbżu is-somma ta' Eur500, u bi 3 quotes ammonti bejn Eur501 u €4,999.99 u suppost ikun bil-VAT miżjud.

70.5.5 Il-kunsill qed jirċievi telefonati b'kummenti li l-bolavostri taz-zuntier mhumiex imwaħħlin u s-segretarja eżekuttiva qalet li mportanti li jiċċekjaw li dawn huma mwaħħlin sewwa, speċjalment issa li l-festa hija fil-qrib. Is-sindku qal li l-bolavostri huma mwaħħlin ħlief tat-turġien tal-ġnub li mhimiex hemm, u fil-fatt biex tinqala bolavostra kellha titkisser. Li baqa' li jsir huwa l-grouting. Il-kunsill rċieva wkoll mingħand l-uffiċċju parrokjali rigward xi affarijiet pendenti u nuqqasijiet li raw minn naha tal-knisja. Is-sindku qal li bħala dwal sar kollu, issa jekk minn naħa tal-knisja qed jħossu li hemm nuqqas ta' dawl irdu jitkellmu mal-kuntrattur. Fil-fatt, is-sindku qal li saret laqgħa, imma huwa ma kienx preżenti u għalhekk is-segretarja eżekuttiva qalet li trid tiċċekja fuq l-eżitu ta' din il-laqgħa. Feedback kien intalab.

70.5.6 Is-segretarja eżekuttiva staqsiet rigward iz-*zebra crossing* għax il-kunsill rċieva xi mistoqsijiet mingħand ir-residenti, bis-sindku jwieġeb li qed tiġi diskussa ma' Transport Malta.

70.5.7 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet saritx laqgħa ma' sid ir-restorant li hemm fil Pjazza, fejn qed jallega li daħħalu ilma fil-propjeta tiegħu u għandu xi ħsarat li saru malli beda l progett tal-Pjazza. Qalet li ma rceviet xejn bil-miktub imma gie il-Kunsill l individwu. Is-sindku qal, li veru dan hu proġett tal-kunsill lokali Ta' Sannat u l-Ministeru għal Għawdex, pero' r-responsabilta' hija tal-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħlijiet. Is-sindku kkonferma li saret laqgha ma' dan il-persuna u gie avzat li ghandu jitkellem mal-kuntrattur.

70.5.8 Il-kunsill rċieva lment mingħand kuntrattur rigward pagament li għadu pendenti ta' tender marbut mas-siġar tal-pjazza. Is-sindku qal ma' dan il-kuntrattur partikulari l-kunsill kien qabel li jitħawwlu ħdax -il siġra bajda u ħdax -il siġra bil-fjura doppja, waħda ħamra u waħda bajda, pero' dan il-kuntrattur partikulari qal li dawn ma jagħmlux sens. Is-sindku saħaq li qabel ma jitħawwlu s-siġar skond kif kien miftiehem fil-laqgħa tal-kunsill, dan il-pagament mhux se jsir. Is-segretrarja eżekuttiva rrimarkat li fit-tender stipulat u anki kkonfermat b'ritratt, il-fjura tas-siġra hija roża u mhemm l-ebda referenza għal-kulur aħmar per se. Is-sindku qal li fit-tender hemm miktub iswed fuq l-abjad li għandhom jitħawwlu siġar bil-fjura doppja, li sfortunatament dan ma sarx għax fil-fatt tħawwlu siġar bi fjuri ta' kulur ċar u mhux bi fjura doppja kif kien stipulat fit-tender. Is-sindku lest li jagħmel laqgħa mal-kuntrattur u jelenkalu kif hemm miktub fit-tender maħruġ. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li huwa mportanti li fit-tenders maħruġa ikun hemm l-ispeċifikazzjonijiet bl-eżatt kollha miktuba.

Rigward it-tender marbut mal-kameras tas-sigurta', pero' skond il-bord ta' l-aġġudikazzjoni dan it-tender ma setax jitkompla u għalhekk se jkollu jerġa joħroġ. Is-segretrarja eżekuttiva qalet li waqt waħda mil-laqgħat tas-segretarji eżekuttivi, kien enfasizzat li dawn il-kameras

tas-sigurta ikun speċifikat fit-tender halli il-vista mill-cameras tkun cara tassew u jkollhom
70.5.9 l-infra-red il-kameras, biex jekk jiġu mitluba biex jiċċekjaw dawn il-kameras, ikunu jistgħu jaraw ċar. Is-sindku qal li t-tender waqa' għax minn tefa' tender ma' kienx jissodisfa l-ispecifikazzjoni mitluba u ntalab jagħmel kjarifika, pero' xorta ma ssodisfax l-bord ta' aġġudikazzjoni. Il-kunsill reġa' talab kjarifikazzjoni, pero' din was waslitx. Il-kunsilliera qablu li joħroġ tender ġdid u jħallu lill-inġinier biex joħroġ l-ispeċifikazzjonijiet u teknikalitajiet
70.5.10 skond il-bzonnijiet cari tal-Kunsill hekk kif maqbul hawnhekk.

11.58am Il-kunsillier Bajada ħareġ mill-laqgħa minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Il-kunsill ta' l-approval tan-'no objection' minn naħa tal-kunsill rigward il-festa wara li saret
70.5.11 ir-rikjesta mingħand Dun Anton Mizzi. Ghal attivitajiet marbuta mal-festa, l-kunsill rċieva numru ta' talbiet mingħand għaqdiet tar-raħal ghal għajnuniet finanzjari minnghand il-kunsill. Il-Każin tal-banda għamel talba fuq l-attivita' ta' festa tfal u biex il-kunsill jisponsorja xi festin. L-għaqda ta' l-armar talbet ukoll lill-kunsill rigward festin, kif ukoll l-għaqda tan-nar talab il-kunsill biex jgħin fix-xow tan-nar 'Shades of Flame'. Iż-żgħażagħ Palmisti għamlu talba wkoll rigward il-feature li jittella f'waħda mil-jiem tal-festa. Dawn it-talbiet ġew approvati minn naħa tal-kunsill u kull talba ohra b'konnessjoni mal-festa.

Is-segretarja eżekuttiva ċemplet lill-BCA u MTA rigward id-dati fejn ma jistgħux isiru excavations u demolitions marbuta mal-ġranet tas-Sajf. Is-segretarja kkonfermat li ġabet l-
70.5.12 informazzjoni mitluba li mill-15 ta' Ġunju sa 30 ta' Settembru fi Triq il-Kbira ġo Sannat ma jistax isir dan ix-xoghol. Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex joqgħod ftit viġilanti, peress li persuna partikulari ġiet il-kunsill u talbet jekk jistax isir demolition u eskavar ġo Triq il-kbira. Minn dak inhar f'dan is-sit tpoġġiet gate kbira u wieħed irid joqgħod attent biex jiġu rrispettati l-liġijiet. Dan għall-fatt li l-kunsill jirċievi kuljum numru ta' telefonati b'ilmenti, li bosta minnhom ikunu minn persuna barra r-raħal.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed tirċievi numru ta' imejls mingħand is-Sa Pauliana Said l-
70.5.13 accountant rigward kuntratt biex jiġi ffirmat b'mod diġitali magħha minn naħa tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hija ma tridx tiffirma l-kuntratt għalissa, waħda għax trid l-approvazzjoni minn naħa tal-kunsillieri u anki għall-fatt li l-kuntratt kien skada fis-sena 2018 u kien qed jiġi mġedded kull sena. Is-sindku qal li l-kunsilliera ma kellhomx ideja b'dan il-kuntratt, u l-kunsilliera qablu li jżommu kollox kif inhu sa' l-aħħar tas-sena 2024. Tliet xhur qabel għandha tinħareġ it-tender biex il-kunsill ikun in regola mal-proċeduri.

Il-project manager saħaq li l-proġett tal-pjazza ġie estiż darbtejn, pero' l-kuntratt tiegħu ma
70.5.14 ġiex estiż.Is-segretarja eżekuttiva saqsiet lill-espert li għandhom fuq it-tenders, fejn qal li t-tender tal-project manager jigi estiż awtomatikament ma' l-estensjoni tal-proġett tal-pjazza. Il-kunsilliera qablu li peress li l-proġett tal-pjazza baqgħalu madwar xahrejn oħra biex jiġi magħluq, il-project manager se jibqa' jitħallas xahar xahar. Il-kunsillier Tewma qal li ma jridx jieħu deċizjoni li taffetwa leġislazzjoni ġdida, pero' s-sindku saħaq li dan hu

proġett ta' din il-leġislatura li wasal fi tmiemu li minnha kien parti l-kunsillier Tewma u għalhekk għandu dritt għal-approvazzjoni minn naħa tiegħu.

70.5.15 Is-segretarja eżekuttiva infurmat li talbet l-aċċess lis-sindku biex tkun waħda mill-administrators tal-page tal-Facebook tal-kunsill, pero' s'issa m'għandhiex. Is-sindku qal li dan l-aċċess irid itijulha Christian, peress li amministrazzjoni ta' din il-page hija f'idejn il-kunsill lokali Sannat. Is-segretarja eżekuttiva qalet li Christian qed jgħidilha li s-sindku jrid itijha l-aċċess, pero' is-sindku saħaq l-amministrazzjoni ta' din il-page hija f'idejn il-kunsill. Is-segretarja qalet li kienu diga' ccekkjaw u s-sindku irid jaghti l-access ghax hu l-uniku amministratur fuq il pagna imma s-sindku nsista li dan huwa Christian Formosa, skrivan fil-Kunsill. Se jerga jigi ccekkjat.

70.5.16 L-kumpanija ta' l-insurance wieġbet lill-kunsill ghal-ittra li kienet intbaghtet in konnessjoni man-nar tal-Munxar li huma m'għandux x'jaqsmu man-nar u huma ma jisparawx nar, u dak li l-kunsill lokali Ta' Sannat qed jallega mhux minnu. Il-kunsill qatt ma qal li huma jisparaw in-nar, pero' issa għaddiet il-festa tal-Munxar u kollox għadda b'wiċċ il-ġid. Is-segretarja bagħtet ir-risposta ta' l-insurance lill-avukat, li pero' ghadu ma' tax feedback.

70.5.17 Il-Kunsill qed jirċievi talbiet rigward permessi ta' kiosks fil-festa ta' Santa Margerita. Il-kunsill qabel dawn għandhom jingħataw kif ġew mogħtija s-sena l-oħra u jekk ikun hemm xi kiosk ġdid jitpoġġa wara l-kiosks l-oħra skond il-pjanti li hemm fil-kunsill.

70.5.18 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet lis-sindku rigward il-kompromess li ġie maqbul mas-sid ta' apartament fi Triq Bardan, liema sid kien daħħal lment u issemma f'diversi laqgħat preċedenti. Is-sid kien qed jitlob li l-bankina tikber sad-daqs tal-gallarija, pero' is-sindku wieġbu li din se tagħmilha diffiċli biex ikun jistghu jgħaddu r-raħħala, fejn din hi l-unika triq li jistgħu jgħaddu għal-farms tagħhom. Il-viċi Sindku qalet li is-sid stess ta' din il-propjeta kien ikkonferma b'imejl fejn kien qalilha li l-gallariji mhumiex skond il-pjanta. Is-segretarja eżekuttiva talbet biex il-viċi sindku tibgħatilha din l-imsemmija imejl.Il-viċi Sindku kienet issuġġeriet li jsiru bollards mal-bankina, pero' dan se jkunu ta' xkiel biex jgħaddu bl-inġenji. Is-sindku qal li fil-laqgħa li kellu mas-sid, ġie deċiż li s-siġra tal-ħarrub tibda tinżabar ta' sikwit biex kemm jista jkun jitnaqass il-possibilta' li l-inġenji tar-raħħala li jgħaddu minn dik it-triq ma jolqtux il-gallarija ta' dan l-apartament imsemmi. Is-segretarja eżekutiva saqsiet jekk il-kunsill hux se jkollu jħallas għal-permessi ghal din iz-zabra, pero' is-sindku qal li permess mill-ERA jdum validu għal sena sħiħa.

70.5.19 Is-segretarja eżekuttiva qalet li riċentement il-kunsill nduna li f'wieħed mill-accounts għaddew zewg transactions b'firma waħda minflok b'żewġ firem minn naħa tal-kunsill. Il-kunsill għamel kuntatt mal-bank rigward pagamenti datati fit-3 ta' Ġunju li jinkludi wieħed tal-kontrovenzjonijiet li jammonta għal €430.90 u ieħor ta' *transfer of payments* minn kont għal kont li jammonta għal €666.97. Il-bank qal li se jiċċekja mad-dipartimet tal-internet banking Malta, pero' wara ħafna telefonati nkluż illum stess, l-kunsill m'għandux risposta. Is-segretarja eżekuttiva ikkonfermat li minn dakinhar il-pagamenti kollha għaddew b'żewġ

70.5.20 firem fil-kont in-normali, pero' l-kunsill għadu qed jistenna risposta mill-bank biex jaraw minn awtorizza kambjamenti li jgħaddu dawn iż-żewġ pagamenti fit-3 ta' Ġunju b'firma waħda.

Rigward iċ-ċerimonji, is-segretarja eżekuttiva fakkret li għada 25 ta' Ġunju f'dar il-Mediterran, hemm iċ-ċerimonja tal-ħatra tal-kunsilliera l-ġodda ta' din il-leġislatura u se jkun hemm trasport li jitlaq fis-2.15pm mill-pjazza Santa Margerita.Importanti li l-kunsillera jġibu l-invit magħhom. Fil-5 ta' Lulju se jkun hemm iċ-ċerimonja tal-ħatra tas-Sindku u l-viċi

70.5.21 Sindku, li se ssir fi Pjazza Indipendenza, Rabat Għawdex fis-6.00pm u l-kunsilliera huma mistiedna wkoll. L-informazzjoni mitluba ghad dipartiment nġabret mill-istaff.

Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex jaġġorna lill-kunsill fuq il-laqgħa li saret rigward il-proġett tal-playing field fi Triq Marziena. Is-sindku qal li l-kuntrattur talab biex tiġi illivelata l-art fejn ġejja l-merry-go round biex din tista' titwaħħal. Il-kunsillieri qablu li l-playing field se tingħalaq biex jibdew ix-xogħlijiet u anki se jsir avviż fuq il-paġna ta' facebook u se jsir tabella laminated fejn se tindika li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet u l-playing field se jkun magħluq. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li huma mportanti li xħin se jsir ix-xogħol iridu naraw li jkunu skond l-ispeċifikazzjoni ta' MCCAA li huma marbuta l-fondi.

Il-kunsillier Tewma saqsa rigward it-tkomplija tat-triq tal-qasam. Is-sindku qal li l-kunsill irid jerġa jitkellem mal-ministeru għal Għawdex, fejn diġa huwa ffirmat il-kuntratt. S'issa

70.5.22 mhemmx dati ta' meta se jibda x-xogħolijiet, u dan jiddependi mill-kuntrattur. Il-viċi Sindku semmiet li l-kuntrattur kien semma li din se tibda xħin titlesta l-pjazza Santa Margerita, u għalhekk jista' jibda wara l-festa eżatt u mhux se tieħu x-xhur biex titlesta għax ma tantx hemm servizzi biex jgħaddu ħlief ta' l-istorm culvert u tas-second class water. Is-sindku qal li se jsejjaħ meeting fuq dan il-proġett. Apparti minn hekk is-sindku qal li kif semmew kemm il-darba li l-qasam 'Ta' sannat' hemm nuqqas ta' dawl. Il-kunsillier Tewma semma li anki l-poles tad-dawl għandhom jinbidlu, bis-sindku jgħid li din hija prerogativa tal-Enemalta. Is-segretarja eżekuttiva kitbet kemm il-darba lir-reġjun t'Għawdex kif ukoll l-kunsill tax-Xewkija fuq din il-kwistjoni.

70.5.23

Is-segretarja eżekuttiva qalet li t-tenders miżjuda maħruġa rigward il-proġett tal-pjazza nġabru f'rikjesta waħda u ntbagħtu lill-ministeru għal Għawdex biex kollox jiġi approvat. Is-sindku semma li kellem lill-kuntrattur tal-proġett is-Sur Richard Cauchi kif ukoll lill-inġinier ta' L-enemalta għal-fatt li d-dawl tal-pjazza qed jixgħel u jintefa xi sitt darbiet. Is-segretarja eżekutiva kkonfermat li lbieraħ stess id-dawl beda jmur u jiġi madwar disgħa darbiet fil koppla tal-knisja. Il-kuntrattur qal li dik hija xi ħaġa li jridu jieħdu ħsiebha l-enemalta u għalhekk il-kunsill se jerġa jkellem lill-inġinier Mizzi biex jagħmel follow-up u jsiru x-xogħlijiet meħtieġa, speċjalment għal-fatt li qed jagħmel ħafna ħsara lill-bozoz li jintfew u jixegħlu.

Triq 20 ta' Lulju: f'waħda mill-komunikazzjoni li tintbagħat mill-kunsill lill-kunsillieri speċifikament marbuta ma' l-awtorita ta' l-ippjanar, hemm applikazzjoni ta' zvilupp f'din it-triq imsemmija biex applikant japplika għal-sular ieħor u jsiru aktar garaxxijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet li sar meeting minn naħa tar-residential association Panaroma Court, fejn

is-segretarja eżekuttiva ghandha konnessjoni, fejn qed jirrimarkaw li l-aċċess tar-rampa huwa daqxejn stramb skond il-pjanta, kif ukoll se jkun hemm ħafna konfużjoni ta' trakkijiet u inkonvenjenza peress li se jinbnew 38 appartament, u anki se jsir xi żvilupp ieħor maġenb dan is-sit. Dan anki għall-fatt, li l-awtoritajiet kienu ġibdu l-attenzjoni li faċċata tal-blokka tagħhom hemm dak li jgħidulu dabien u t-triq ma kinitx imtliet, kif anki kien ikkonfermat minn rapport fl-2022 tal-perit tal-kuntrattur u l-perit li ġie mqabbad mill-association tal-blokka u minn dak inhar ma kienx hemm aktar komunikazzjoni. Ir-residence association qed titlob garanzija li ma jkunx hemm ħsarat fit-triq u l-blokka residenzjali msemmija, kif ukoll ma jkunx hemm limitazzjoni ta' aċċess. Fil-fatt, is-segretarja ta' din l-association bagħtet l-uffiċċju tal-prim Ministru, li minn naħa tagħhom bagħtu lil xi dipartiment fejn talbuhom follow-up ta' dan l-ilment. Is-segretarja eżekuttiva qed tistenna li xi dipartiment jew entita' se jkellmu lill-kunsill biex jiċċekjaw il-fatti fuq dan il-każ. Is-sindku qal li l-kunsill għandu jkellem lill-perit tal-kunsill biex jiċċertifika mal-perit tal-kuntrattur, jekk hemmx periklu jekk jgħaddu numru ta' inġenji fuq din it-triq. Xi ħaġa oħra hija li l-kunsill irid jivverifika mal-perit u jiċċekja dan il-permess mitlub ma' l-awtorita' ta' l-ippjanar fi Triq li hija dead-end. Jekk hemm bżonn u jkun għadhom fil-ħin isir, il-kunsill idaħħal objection fuq

70.5.24 dan l-iżvilupp propost. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li personalment tinsab iddiżappuntata għaliex talbet lill-perit rigward applikazzjonijiet pendenti, approvati u f'liema stadju waslu f'din it-triq, fejn ir-risposta minn naħa tiegħu kienet biex itih il-PA number. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hija talbet informazzjoni mingħand il-perit li għandu tender mal-Kunsill u dovut ix-xoghol li jintalab mill-Kunsill. Is-sindku ssuġerixxa li

70.5.25 jagħmlu site plan u jimmarkaw postijiet li huma mmarkati għal-iżvilupp, pero' is-segretarja eżekuttiva qalet li hi ma tafx bl-iżvilupp kollu propost jew fejn seta hemm xi tip ta' enforcement. Is-sindku saqsa lis-segretarja eżekuttiva hemmx il-permess mwaħħal, fejn ir-risposta kienet fin-negattiv.

Is-Sur Angelo Camilleri tal-MGOZ talab il-kunsill il-'go-ahead' fuq xi ħaġa relatata ma' Triq Xamgħan, pero' l-kunsill ma jafx eżatt għal liema raġuni ntalbet. Ser isir kuntatt ma' din il-persuna biex tiġi ċċarata din it-talba.

70.5.26

Il-ministeru għal Għawdex kiteb lill-kunsill biex jistaqsi rigward il-'pumping-station' li hemm Mġarr ix-Xini, rigward permessi maħruġa u riċerka relatata. Is-segretarja eżekuttiva li kienet kellmet lill-perit u kkonferma li l-permess għadu validu, pero' rrimarkat li korrispondenza fuq dan il-proġett ma kienx hemm iktar mis-sena 2000 circa l'hawn. Is-sindku qal li l-kunsill diġa għandu l-permess u r-ricerka marbuta, kif ukoll riċerka fuq l-għelieqi li hemm fil-

70.5.27 madwar, liema riċerki tinsab f'box file għalih fil-kunsill. Il-kunsill se jitlob lid-dipartiment fi ħdan il-ministeru għal Għawdex biex isir laqgħa biex jaraw xi ħsibijiet hemm fuq dan il-proġett u anki l-possibilta ta' fondi biex dan il-proġett isir. Il-kunsill kellu BOQ, pero' dan ilu li nħareġ u l-perit ikun irid jitħallas biex joġġorna l-BOQ.

Il-kunsill rcieva talba mingħand is-Sa Maria Farrugia biex l-attivita' ta' l-'Sports Award' li jsir ta' kull sena, din is-sena tittella fi pjazza Santa Margaretita. Il-kunsillera qablu li dan ill-permess jingħata u dan unur għar-raħal li attivita bħal din tittella ġor-raħal ta Sannat. Is-

70.5.28 Sindku qal li diġa kellu talbiet biex isiru attivtajiet fil-pjazza mingħand terzi persuni, u anki s-segretarja eżekuttiva qalet li qed tistenna li anki talbiet biex isiru tigijiet etċ.

70.5.29 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill qed ikollu problema rigward in-naħa ta' wara ta' triq Xamgħan biex jinħarġu permessi, peress li din il-parti tat-triq mhix imniżżla fuq is-sistema tal-LESA u ma jkunux jistgħu jitħallsu permessi konċernati u qed ikun hemm problemi xħin jiġu bid-delivery ta' materjal. Is-sindku qal li din s'issa hija art privata u anki semma li l-kunsill irid jibda jaħseb biex ikellem lil-bord ta' l-ismijiet tat-toroq biex ikunu jistgħu jissemmew toroq ġodda, fosthom parti minn triq Gerxija magħrufa bħala Ta' Żabbetta. Il-kunsill diġa għandu lista ta' ismijiet li jistgħu jissemmew it-toroq, liema ismijiet kienu ssuġġeriti minn nies mir-raħal ta' Sannat.

70.6 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet fuq it-tkomplija tax-xogħol fuq il-Kalkara tal-Ġir, peress li l-uffiċjal tal-health and safety qed isaqsi peress li bħalissa huwa mwaqqaf għax ix-xogħol wieqaf. Il-kunsill qed juri x-xewqa li l-proġett jitlesta fl-inqas żmien u għalhekk is-sindku se jagħmel laqgħa mal-kuntrattur biex jitkellmu fuq it-timeframes.

70.6.1 Il-kunsillier Tewma saqsa liema proġett se jkun varat fil-leġislatura l-ġdida, bis-sindku jwieġeb li iridu jitlestew triq Xamgħan u Triq Paranji, biex imbagħad ikun jista jibda l-proġett ta' pjazza Cocco Palmieri. Dan għal-fatt biex ikun evitat konġestjoni tat-traffiku u inkonvenjenza lir-residenti.

## ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

70.6.2 Il-kunsill qed jirċievi lmenti mingħand residenti li joqogħdu fi Triq il-Kbira, rigward il-Quad Bikes. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet lill-community police biex ikellem lil min qed jilmenta u anki kellem lill-leaders ta' dawn il-gruppi, fejn dawn qalu li se jgħidu lis-sewwieqa biex jillimitaw is-sewqan. Hemm id-dubju kemm qed jagħmlu over speeding peress li dawn it-tip ta' bikes huma limitati fl-ispeed tagħhom, pero' huwa fatt li jagħmlu ħafna storbju. Is-segretarja rrimarkat li qed ikun hemm ilmenti, kif anki kkonfermat il-viċi Sindku, li r-residenti qed isibu problema biex isibu parking minħabba dawn il-quad bikes. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill irid jieħu ħsieb ir-residenti, u anki fi Triq Dun Xand Aquilina qed isiru xi parking illegali minn dawn il-quad bikes. Il-viċi Sindku qalet li f'dawn il-każijiet iridu jkellmu lill-community police jew inkella l-pulizija tat-traffiku peress li community police ikunu preżenti kull jumejn.

70.6.3 Il-kunsillier Tewma ssugerixxa li jsiru tabelli fil-pjazzi fejn jindikaw li dawk il-parking partikulari huma speċifikati għar-residenti. Is-segretarja qalet lil-kunsill jista' jagħmel designated residential parking, pero' s-sindku qal li biex isir dan iridu jitolbu lit-Transport

Malta. Is-sindku qal li se jsiru l-bollards, minnhom il-barra jistghu isiru l-parking u minn bollards il-ġewwa se jkunu residential parking, pero' din l-iskema maħruġa minn Transport Malta kienet magħluqa u l-kunsill irid jara infetħitx jew le. Is-segretrarja eżekuttiva qalet li irid ikun hemm bilanċ bejn l-att kummerċjali u l-benifiċċji tar-residenti.

70.6.4

Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill qed jirċievi numru ta' lmenti rigward il-ġbir taż-żibel. Hija qalet li kemm il-darba kellmet lir-reġjun t'Għawdex fuq din l-*issue*.Is-segretarja eżekuttiva semmiet li skond diversi residenti fi Triq Seguna, il-borża ta' l-organic qed tinġabar l-għada mal-borża ta' recyle nhar ta' Ħamis, kif ukoll il-borża s-sewda lanqas kienet qed tingabar dejjem. Is-segretarja eżekuttiva talbet lir-residenti biex jieħdu ritratti meta ikollhom bżonn idaħħlu lment halli jintwera lil kuntrattur f'kaz ta' bzonn. Is-sindku qal li l-kunsill m'għandux triq oħra ħlief li jkellmu lill-kuntrattur direttament, avolja din it-tender taqa' direttament taħt ir-reġjun t'Għawdex.

70.6.5

Il-kunsill qed ikollu ħafna mistoqsijiet mingħand residenti rigward il-boroż is-suwed, issa li dawn se jinbidlu fl-1 ta' Lulju, biex jaraw x'se jagħmlu bihom dawk li ghandhom in stock. Il-kunsill s'issa m'għandu l-ebda tip ta' risposta x'jista jagħti mingħand ir-reġjun t'Għawdex li minn naħa tagħhom qed jistennew direzzjoni mill-ERA. Is-sindku qal li soluzzjoni li jista' jara fl-immedjat hija, li pakketti ta' boroż suwed li għandhom issiġillati, ir-resident ikollu ċ-ċans li jibdilhom mill-kunsill, dejjem jekk il-kunsill jingħata l-boroż ġodda.

70.6.6

70.6.7

Is-segretarja eżekuttiva tat struzzjonijiet biex titwaqqaf website tal-kunsill fuq ġnien il-bidwi, peress li l-kunsill jista' jkollu website waħda operata skond id-dipartiment tal-gvern .

Fuq il-*padle cycle*, s'issa ma kienx hemm interess mingħand persuni taħt it-tmintax -il sena, u s-segretarja eżekuttiva qalet li jekk ikunu jafu xi ħadd interessat jgħidulhom biex javviċinaw il-kunsill.

70.6.8

Is-segretarja eżekuttiva bagħtet ilment lid-dipartiment fi ħdan il-ministeru għal Għawdex rigward il-ħmieġ tal-ħamiem, biex dawn ikun jista jitnaddaf peress li dan ma jistax jinkines għax ma jinqalax. Il-kunsill għadu qed jistenna risposta.

70.6.9

Il-kunsill rċieva lment fuq ħaxix ħazin fi Triq Ta' Ċenċ, u l-kunsill nforma lill-ministeru għal Għawdex biex dan jinqata. Kull meta l-kunsill jirċievi ilment mingħand l-intervention team fuq bankini, l-kunsill jinforma lill-ministeru permezz tas-sistema mħaddma. L-intervention team ġibed l-attenzjoni fuq ħaxix ħażin li hemm Mġarr ix-Xini. Is-segretarja rrimarkat illi l-kunsill għandu direttiva rigward ħaxix li jkun fih il-fjuri ma jistax jinqata ħabba tan-naħal.

70.6.10

Daħal ilment fuq pjazzetta tax-Xelina rigward il-ħadid li kellu jitwaħħal mal-bankina mal-ħanut ta' Rożina. Is-sindku qal li kellu informazzjoni li dawn il-ħadid kienu lesti, pero' ma

kienx il-fatt. Is-segretarja eżekuttiva semmiet li l-ħanut għandu l-permess approvati ta' l-imwejjed u s-siġġijiet u xieraq li dak li ghandu jsir isir f'waqtu sabiex ma jkunx hemm

70.6.11 periklu.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li kienu qed jidħlu lmenti marbuta mal-wifi tal-public areas ġor-raħal ta' Sannat. Is-segretarja eżekuttiva kellmet lill-kumpanija GO biex jiċċekjaw ir-

70.6.12 reception tal-wifi u l-kunsill qed jistenna risposta. Il-kunsill qed iħallas lill-kumpanija kull xahar għal dan is-servizz, u s-sindku fakkar biex jiċċekjaw il-wifi fil-pjazza Santa Margerita.

.

Il-kunsill rċieva lment fuq bollard tad-dawl li tkisser fi pjazza Ta' Ċenċ, fejn is-segretarja

70.6.13 eżekuttiva saqsiet lis-sindku lil min għandhom jibagħtu lment. Is-sindku qal li l-kunsill irid jibgħat dan lment lill-Inġiniera Rose Debono Mercieca permezz ta' imejl.

70.6.14 Mġarr iX-xini hemm tabella msadda li tindika li ma jistgħux jidħlu klieb, u individwu ġibed l-attenzjoni li din qeda f'post fejn skond il-liġi jistgħu ikun hemm klieb bil-leash fuq l-art. Is-sindku qal li din għandha tinbidel u tkun aktar speċifikata u ċara għal kulħadd.

Resident fi Triq Skerla bagħat ilment fuq *floodlight* li d-dawl tagħha qed jidħol dirett fid-dar tiegħu, biex forsi jsir xi kappell biex id-dawl ma jkunx dirett għal ġod-dar partikulari jew inkella titneħħa. Is-sindku qal li din l-area msemmija hija mudlama u anki kien hemm xi attentati ta' serq, u wara li jsir zvilupp, se jitwaħħlu żewġ fanali puliti.

70.7 Il-viċi Sindku qalet li tkellmet ma' resident fi Triqa Skerla, li ntbagħtet xi imejl li ried jiffirmaha l-perit u s-sindku fuq xi formula. Il-viċi sindku qalet li l-perit qalilha li ffirmaha din il-formula u fakkret lis-sindku biex jiffirma biex din tkun tista' tintbagħat.

70.7.1 Il-kunsillier Tewma semma li issa li Triq Dun Luqa sar żvilupp ta' bini, għandu jkun hemm xi tip ta' sinjali biex jirregolaw it-traffiku biex jiġu evitati inċidenti. Is-sindku qal li jrid isir traffic management fuq din l-area dik il-parti ta' Triq Dun Luqa mill-'Flower Zone' il-fuq.

## **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7 /2024**

70.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7 /2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-viċi Sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda

70.8.1 approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-1.02pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2024, fis-11.00 am

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva